MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 438/2005

**Avviz numru 438/05DM**

**Image Systems Ltd (C 4052)**

**Vs**

**Caruana Cold Storage & Imports Limited (C 501)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u sebgha u sittin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm1,967.55) rappresentanti prezz ta' 'photocopier' lilhom mibjugha u kkonsenjata u servizzi lilhom provduta mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 18 ta' Marzu, 2005, u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu xi rapprezentant taghhom sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ elf, disa’ mija u sebgha u sittin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm1,967.55) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mit-18 ta’ Marzu, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------